

31992R0315

L 34/23

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

11.2.1992

**IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 315/92  
ta' l-10 ta' Frar 1992**

**li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 1538/91 li jintroduċi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni  
tar-Regolament (KEE) Nru 1906/90 dwar ċerti standards rigward il-marketing tat-tjur**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1906/90 tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar ċerti livelli fis-suq għat-tjur <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 9 tiegħu,

Billi l-Artikolu 15 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1538/91 <sup>(2)</sup>, kif emendat bir-Regolament (KEE) Nru 2988/91 <sup>(3)</sup>, jipprovdi għal eżenzjoni li permezz ta' għana l-operaturi ġew awtorizzati sabiex jużaw materjal b'indikazzjonijiet qodma għall-imballaġġ sal-31 ta' Diċembru 1991; billi, bil-għana ta' l-eżistenza kontinwa ta' ħażniet ta' materjal għall-imballaġġ qadim, u sabiex il-perjodu ta' transizzjoni jkun magħmul aktar faċli għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, din id-data għandha tiġi estiża sal-31 ta' Marzu 1992;

Billi l-miżuri li jagħmel tajjeb għalihom dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Tmexxija għal-Laħam tat-Tjur u l-Bajd,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*L-Artikolu 1*

Fl-Artikolu 15 tar-Regolament (KEE) Nru 1538/91 "il-31 ta' Diċembru 1991" huwa hawnhekk mibdul b'"il-31 ta' Marzu 1992".

*L-Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fl-10 ta' Frar 1992.

*Għall-Kummissjoni*

Ray MAC SHARRY

*Membru tal-Kummissjoni*

<sup>(1)</sup> ĠU L 173, tas-6.7.1990, p.1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 143, tas-7.6.1991, p.11.

<sup>(3)</sup> ĠU L 284, tat-12.10.1991, p.26.